

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Jannar 2013 —
MyTravel vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-403/05 RENV) ⁽¹⁾

(“Access għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet — Dokumenti li jikkonċernaw deċiżjoni ta' konċentrazzjoni annullata mill-Qorti Ġenerali — Rifjut li jingħata l-aċċess — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2013/C 71/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: MyTravel Group plc (Rochdale, Lancashire, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment S. Cardell, B. Louveaux, P. Walter u P. Horan, solicitors, sussegwentement B. Louveaux, P. Walter u P. Horan, solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment C. O'Reilly u P. Costa de Oliveira, aġenti, sussegwentement P. Costa de Oliveira)

Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: inizjalment A. Falk, C. Meyer-Seitz, C. Stege u U. Persson, aġenti, sussegwentement A. Falk u U. Persson, aġenti); Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: C. H. Vang u V. Pasternak Jørgensen, aġenti); Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C. Wissels u J. Langer, aġenti); u r-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: J. Heliskoski, aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: M. Lumma u B. Klein, aġenti); Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. Belliard, G. de Bergues u A. Adam, aġenti); u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: E. Jenkinson u S. Ossowski, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru [D(2005) 8461] u tat-12 ta' Ottubru 2005 [D(2005) 9763] li jiċħdu talba mressqa mir-rikorrenti sabiex tingħata aċċess għal ċerti dokumenti preparatorji tad-Deċiżjoni 2000/276/KE tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Settembru 1999, li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim ŻEE (Każ IV/M.1524 — Airtours vs First Choice) (ĠU 2000, L 93, p. 1), kif ukoll għal dokumenti redatti mid-dipartimenti tal-Kummissjoni wara l-annullament ta' din id-deċiżjoni permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Ġunju 2002, Airtours vs Il-Kummissjoni (T-342/99, Ġabra p. II-2585).

Dispożittiv

(1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

(2) MyTravel Group plc għandha tbat i nofs l-ispejjeż tagħha fil-Kawżi T-403/05 u T-403/05 RENV kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kawżi T-403/05 u T-403/05 RENV.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i nofs l-ispejjeż tagħha fil-Kawżi T-403/05 u T-403/05 RENV kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn MyTravel Group plc fil-Kawżi T-403/05 u T-403/05 RENV.

(4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i nofs l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-Renju tal-Isvezja fil-Kawża C-506/08 P.

(5) Ir-Renju tal-Isvezja għandu jbat i nofs l-ispejjeż tiegħu fil-Kawża T-403/05 RENV.

(6) Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom fil-Kawżi C-506/08 P u T-403/05 RENV.

⁽¹⁾ ĠU C 10, 14.1.2006.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2013 —
Divandari vs Il-Kunsill**

(Kawża T-497/10) ⁽¹⁾

(“Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Revoka tal-lista tal-persuni kkonċernati — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2013/C 71/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ali Divandari (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: inizjalment S. Gadhia u S. Ashley, solicitors, D. Wyatt, QC, u R. Blakeley, barrister, sussegwentement R. Blakeley, S. Zaiwalla u F. Zaiwalla, solicitors, u M. Brindle, QC)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u A. Vitro, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert u M. Konstantinidis, aġenti)